



2023/2823

15.12.2023

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/2823

tal-11 ta' Diċembru 2023

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk u li tħassar id-Deċiżjoni (UE) 2019/861

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE ⁽¹⁾, l-Unjoni kkonkludiet il-Konvenzjoni dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku ("il-Konvenzjoni SEAFO") li stabbiliet l-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO).
- (2) Il-Kummissjoni SEAFO hija responsabbli għall-adozzjoni ta' miżuri ddisinjati biex jiżguraw konservazzjoni fit-tul u użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO. Tali miżuri jistgħu jsiru vinkolanti għall-Unjoni.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽²⁾ jipprevedi li l-Unjoni għandha tiżgura li l-attivitatiet tas-sajd u tal-akkwakultura jkunu ambjentalment sostenibbli fit-tul u li jkunu ġestiti b'mod li huwa konsistenti mal-oġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjieġ, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni għandha tapplika l-approċċ prekawzjonarju għall-ġestjoni tas-sajd, u għandha tfittex li tiżgura li l-isfruttament tar-riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin jirrestawra u jmantni l-popolazzjoni tal-ispeċijiet mistada 'l fuq minn livelli li jistgħu jipproduċu r-rendiment massimu sostenibbli. Jipprevedi wkoll li l-Unjoni tiegħu miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni bbażati fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli, tappoġġa l-iżvilupp ta' għarfien u pariri xjentifiċi, gradwalment telimina l-iskartar u tippromwovi metodi tas-sajd li jikkontribwixxu għal sajd aktar selettiv u l-evitar u t-tnaqqis, kemm jista' jkun, ta' qabdiet mhux mixtieqa, u trażżan l-impatt tas-sajd fuq l-ekosistema marina u r-riżorsi tas-sajd. Barra minn hekk, ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 speċifikament jipprevedi li dawk l-oġettivi u l-prinċipji għandhom jiġu applikati mill-Unjoni fit-tweittiq tar-relazzjonijiet tas-sajd esterni tagħha.
- (4) F'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" "Strateġija tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima – l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima" u "Strateġija mill-Għalqa sal-Platt għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent" huwa essenzjali li tiġi protetta n-natura u titreġġa' lura d-degradazzjoni tal-ekosistemi. It-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità ma għandhomx jippreġudikaw id-disponibbiltà tal-oġġetti u s-servizzi li ekosistemi marini f'saħħithom jipprovdu lis-sajjieda, lill-komunitajiet kostali u lill-umanità inġenerali.
- (5) Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Strateġija Ewropea għall-Plastiks f'Ekonomija Ċirkolari" tirreferi għal miżuri speċifiċi biex jitnaqqas il-plastiks u t-tniġġis tal-baħar kif ukoll it-telf jew l-abbandun tal-irkaptu tas-sajd fil-baħar. Barra minn hekk, il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali

⁽¹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/738/KE tat-22 ta' Lulju 2002 dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar il-Konvenzjoni tal-Ħarsien u l-Amministrazzjoni ta' Riżorsi tas-Sajd fix-Xlokk tal-Oċean Atlantiku (ĠU L 234, 31.8.2002, p. 39).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22).

Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Perkors lejn Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd - Pjan ta' Azzjoni tal-UE Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" jimmira li jnaqqas b'50 % l-iskart tal-plastik fil-baħar u bi 30 % il-mikroplastiċi rilaxxati fl-ambjent.

- (6) Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Inwittu t-triq lejn pjaneta blu sostenibbli" tenfasizza l-importanza tal-protezzjoni u l-konservazzjoni tal-bijodiversità marini taħt l-azzjoni esterna tal-Unjoni. L-Unjoni hija l-aktar attur prominenti fl-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-korpi tas-sajd madwar id-dinja. Hemmhekk, l-Unjoni tippromwovi s-sostenibbiltà tal-istokkijiet tal-ħut, tippromwovi t-teħid ta' deċiżjonijiet trasparenti abbażi ta' parir xjentifiku sod, ittejjeb ir-riċerka xjentifika, u ssaħħaħ il-konformità.
- (7) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni SEAFO għall-perjodu 2024-2028, minħabba li l-miżuri ta' konservazzjoni u infurzar tas-SEAFO jistgħu jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni u jistgħu jinfluwenzaw deċiżament il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 ⁽³⁾ u (KE) Nru 1224/2009 ⁽⁴⁾, u r-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁵⁾.
- (8) Bħalissa l-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni SEAFO hija stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/861 ⁽⁶⁾. Huwa xieraq li dik id-Deċiżjoni (UE) titħassar u li tiġi sostitwita b'Deċiżjoni ġdida li tkopri l-perjodu 2024-2028.
- (9) Fid-dawl tan-natura li dejjem qed tevolve tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tal-Konvenzjoni tas-SEAFO u l-ħtieġa konsegwenti li l-pożizzjoni tal-Unjoni tqis l-iżviluppi l-ġodda, inkluż informazzjoni xjentifika ġdida u informazzjoni rilevanti oħra ppreżentata qabel jew matul il-laqgħat tas-SEAFO, jenħtieġ li jiġu stabbiliti proċeduri, f'konformità mal-prinċipju tal-kooperazzjoni leali bejn l-istituzzjonijiet tal-Unjoni minqax fl-Artikolu 13(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, għall-ispeċifikazzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni minn sena għal sena għall-perjodu 2024-2028,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni fil-laqgħat tal-Kummissjoni tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO) hija stipulata fl-Anness I.

Artikolu 2

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Kummissjoni SEAFO għandha f'konformità mal-Anness II.

⁽³⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jstabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006 (ĠU L 343, 22.12.2009, p. 1).

⁽⁵⁾ Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

⁽⁶⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/861 tal-14 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed fisem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO), u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2014 dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, fisem l-Unjoni, fis-SEAFO (ĠU L 140, 28.5.2019, p. 38).

Artikolu 3

Il-pożizzjoni tal-Unjoni stipulata fl-Anness I għandha tiġi vvalutata u, fejn xieraq, riveduta mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni, l-aktar tard, għal-laqgħa annwali tal-Kummissjoni SEAFO fl-2029.

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni (UE) 2019/861 hija b'dan imħassra.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Diċembru 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
L. PLANAS PUCHADES

ANNEX I

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk (SEAFO)

1. PRINĊIPJI

Fil-qafas tal-SEAFO, l-Unjoni għandha:

- (a) tiżgura li l-miżuri adottati fil-SEAFO ikunu konsistenti mad-dritt internazzjonali, u partikolarment mal-Konvenzjoni tal-1982 tan-Nazzjonijiet Uniti fuq id-Dritt Marittimu, mal-Ftehim tal-1995 tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Tranzonali u Stokkijiet ta' Ħut li Jpassi Ħafna, mal-Ftehim tal-1993 tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura (FAO) biex jippromwovi l-osservanza tal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni minn bastimenti tas-sajd f'ibħra internazzjonali, u mal-Ftehim tal-2009 tal-FAO dwar Miżuri tal-Istat Portwarju;
- (b) tippromwovi l-objettivi tal-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marini lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali u fil-15-il Konferenza tal-Partijiet fil-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika, partikolarment fiż-żieda fil-protezzjoni tal-bijodiversità marina u l-protezzjoni ta' 30 % tal-oċean tad-dinja permezz ta' żoni marini protetti;
- (c) jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, f'konformità mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2020 dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima – l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, partikolarment dwar il-protezzjoni tan-natura, u mal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2020 dwar l-Istrateġija "Mill-Għalqa sal-Platt", u Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja;
- (d) taġixxi f'konformità mal-objettivi u l-prinċipji segwiti mill-Unjoni fi ħdan il-qafas tal-Politika Komuni tas-Sajd, notevolment permezz tal-approċċ prekawzjonarju u l-miri relatati mar-rendiment massimu sostenibbli kif stipulat fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, biex tkun promossa l-implimentazzjoni ta' approċċ abbażi tal-ekosistema għall-ġestjoni tas-sajd, biex kemm jista' jkun jiġu evitati jew jitnaqqsu qabdiet mhux mixtieqa, u jiġi eliminat gradwalment il-qbid skartat, u biex jiġi minimizzat l-impatt tal-attivitajiet tas-sajd fuq l-ekosistemi marini u l-abitanti tagħhom, kif ukoll, permezz tal-promozzjoni ta' sajd ekonomikament vijabbli u kompetittiv tal-Unjoni, biex ikun provdut livell tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu minn attivitajiet relatati mas-sajd u jitqiesu l-interessi tal-konsumaturi;
- (e) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tad-19 ta' Marzu 2012 tal-Kunsill dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar id-dimensjoni esterna tal-politika komuni tas-sajd;
- (f) tkun konformi mal-Konklużjonijiet tat-13 ta' Diċembru 2022 tal-Kunsill dwar il-Governanza Internazzjonali tal-Oċeani għal oċeani u ibħra sikuri, siguri, nodfa, b'saħħithom u ġestiti b'mod sostenibbli fir-rigward tal-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;
- (g) taħdem favur involviment xieraq tal-partijiet konċernati fil-fażi tal-preparazzjoni għall-miżuri SEAFO u tiżgura li l-miżuri adottati fi ħdan l-SEAFO jkunu skont l-objettivi tal-Konvenzjoni SEAFO;
- (h) tippromwovi pożizzjonijiet konsistenti mal-aħjar prattiki għall-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd (RFMOs);
- (i) tara li jkun hemm konsistenza u sinerġija mal-politika li l-Unjoni qed issegwi bħala parti mir-relazzjonijiet bilaterali tagħha tas-sajd ma' pajjiżi terzi, u tiżgura l-koerenza mal-politiki l-oħrajn tagħha notevolment fl-oqsma tar-relazzjonijiet esterni, l-impjiegi, l-ambjent, il-kummerċ, l-iżvilupp, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
- (j) timmira li toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-flotta tal-Unjoni fl-ambitu taż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO abbażi tal-istess prinċipji u standards bħal dawk applikabbli skont id-dritt tal-Unjoni, u li tippromwovi l-implimentazzjoni uniformi ta' dawk il-prinċipji u ta' dawk l-istandards;

- (k) fejn xieraq, tippromwovi l-koordinazzjoni bejn is-SEAFO, RFMOs eżistenti u konvenzjonijiet dwar ibħra reġionali u l-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet globali, kif applikabbli skont il-mandati tagħhom;
- (l) tippromwovi l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni fost RFMOs mhux tat-tonn bħalma hu l-proċess Kobe għal RFMOs tat-tonn.

2. ORJENTAZZJONIJIET

Fejn xieraq, l-Unjoni għandha tfittex li tappoġġa l-adozzjoni mis-SEAFO tal-azzjonijiet li ġejjin:

- (a) miżuri li jippromwovu l-konservazzjoni u r-restawr tal-bijodiversità, u li jippromwovu tas-sostenibbiltà tal-istokkijiet, u l-integrazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet tat-tibdil fil-klima fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet;
- (b) miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għar-riżorsi tas-sajd fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO abbażi tal-aħjar parir xjentifiku disponibbli, inkluż il-qabdiet totali permissibbli u l-kwoti jew ir-regolamentazzjoni tal-isforz fis-sajd li jistad riżorsi bijoloġiċi marini ħajjin regolati mis-SEAFO, li jiksbu r-rendiment massimu sostenibbli. Fejn meħtieġ, dawk il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għandhom jinkludu miżuri speċifiċi għall-istokkijiet li huma soġġetti għal sajd żejjed biex l-isforz tas-sajd jinżamm konformi mal-opportunitajiet ta' sajd disponibbli;
- (c) miżuri li jippromwovu l-ġbir tad-data, ir-riċerka xjentifika u d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni abbażi tax-xjenza, it-tisħiħ tal-kumitat tal-konformità tagħha, kultura ta' konformità u rieżamijiet perjodiċi indipendenti tal-prestazzjoni;
- (d) miżuri għall-prevenzjoni, id-deterrent u l-eliminazzjoni ta' attivitajiet ta' sajd illegali, mhux rappurtat u mhux regolat (IUU) fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO, inkluż l-elenkar tal-bastimenti IUU u l-elenkar komuni ma' RFMOs oħra, u miżuri li jippromwovu t-traċċabbiltà tal-ħut u tal-prodotti tas-sajd abbażi tal-Linji Gwida Volontarji għall-Iskemi ta' Dokumentazzjoni tal-Qbid;
- (e) miżuri ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO sabiex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-kontroll u l-konformità mal-miżuri adottati fi ħdan is-SEAFO inkluż it-tisħiħ tal-kontroll fuq l-operazzjonijiet tat-trażbord abbażi tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar it-Trażbord;
- (f) miżuri biex jiġi minimizzat l-impatt negattiv tal-attivitajiet tas-sajd fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi marini u l-abitati tagħhom, inkluż miżuri protettivi għal ekosistemi marini vulnerabbli fiż-Żona tal-Konvenzjoni SEAFO bi qbil mal-Konvenzjoni SEAFO u l-Linji Gwida Internazzjonali tal-FAO għall-Ġestjoni tas-Sajd fl-Ibħra Fondi fil-Baħar Miftuħ, miżuri biex jiġi evitat u jitnaqqas kemm jista' jkun il-qbid mhux mixtieq, inkluż partikolarment l-ispeċijiet marini vulnerabbli, u biex gradwalment jiġi eliminat il-qbid skartat;
- (g) miżuri biex jitnaqqas it-tniġġis tal-baħar u jiġi prevenut l-iskariku tal-plastik fil-baħar u jitnaqqas l-impatt tal-plastik fil-baħar fuq il-bijodiversità u l-ekosistemi marini, inkluż miżuri biex jitnaqqas l-impatt ta' Rkaptu tas-Sajd Abbandunat, Mitluf jew Skartat Mod Ieħor fl-oċean u biex jiġu ffaċilitati l-identifikazzjoni u l-irkupru ta' tali rkaptu abbażi tal-Linji Gwida Volontarji tal-FAO dwar il-Markar tal-Irkaptu tas-Sajd;
- (h) miżuri mmirati lejn il-projbizzjoni tas-sajd imwettaq biss bl-iskop tas-sajd għall-pinen tal-klieb il-baħar u li jirrikjedu li l-klieb il-baħar kollha jitħattew l-art bil-pinen kollha mwaħħla kif tipprovdi n-natura;
- (i) rakkomandazzjonijiet, fejn xieraq u sa fejn hu permess skont id-dokumenti kostitwenti rilevanti, li jħeġġu l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni dwar ix-Xogħol fis-Sajd tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ;
- (j) approċċi komuni ma' RFMOs oħrajn, fejn xieraq, partikolarment dawk involuti fil-ġestjoni tas-sajd fl-istess reġjun;
- (k) miżuri tekniċi addizzjonali abbażi tal-pariri mill-korpi sussidjarji u mill-gruppi ta' ħidma tas-SEAFO.
- (l) miżuri konsistenti mal-oġġettivi li jinkisbu benefiċċji ekonomiċi, soċjali u tal-impjiegi, u li jikkontribwixxu għad-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel.

ANNEX II

L-ispeċifikazzjoni minn sena għall-oħra tal-pożizzjoni tal-Unjoni li għandha tittieħed fil-laqgħat tal-Organizzazzjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tax-Xlokk

Qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni SEAFO, meta dak il-korp jintalab jadotta deċiżjonijiet li jistgħu jkunu vinkolanti fuq l-Unjoni, għandhom jittieħdu l-passi meħtieġa biex il-pożizzjoni li tiġi espressa f'isem l-Unjoni tqis l-aktar informazzjoni xjentifika reċenti u informazzjoni rilevanti oħra trażmessa lill-Kummissjoni, f'konformità mal-prinċipji u l-orjentazzjonijiet stabbiliti fl-Anness I.

Konsegwentement u abbażi ta' dik l-informazzjoni, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti lill-Kunsill, jew lill-korpi preparatorji tiegħu fi żmien suffiċjenti qabel kull laqgħa tal-Kummissjoni tas-SEAFO, dokument bil-miktub li jistabbilixxi d-dettalji tal-ispeċifikazzjoni proposta tal-pożizzjoni tal-Unjoni għal diskussjoni u approvazzjoni tad-dettalji tal-pożizzjoni li għandha tiġi espressa f'isem l-Unjoni.

Jekk matul laqgħa tal-Kummissjoni SEAFO ma jkunx jista' jintlaħaq qbil, inkluż fuq il-post, sabiex il-pożizzjoni tal-Unjoni tqis elementi ġodda, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Kunsill jew lill-korpi preparatorji tiegħu.